# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-11 ta' Ottubru, 2023

Avviz tat-Talba numru: 342/2021 CL

It-Tribunal;

**Statkus Mindaugas (KI nru 70500A)**

**VERSUS**

**Kim Briffa D'Agostino (KI nru 121590M)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-26 ta' Novembru, 2021 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jigi ordnat jhallas is-somma ta' hamest elef euro (€5000) oltre l-imghax legali lil-attur u dan wara li l-partijiet kienu dahlu fi ftehiem fil-bidu ta' Awwissu 2021 fejn il-konvenut accetta li jsewwi magna tal-ghamla Volvo Penta 4318 petrol li kienet installata fuq id-dghajsa tal-attur. Illi wara li l-attur ghamel spezzjoni tal-magna, il-konvenut accetta li jwettaq it-tiswijiet kollha rimedjali ghall-prezz miftiehem ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3800) li kien jinkludi l-parts u x-xoghol ta' jdejh, liema tiswijiet kellhom jitlestew sal-bidu ta' Settembru 2021. Illi hekk kif id-dghajsa tnizlet il-bahar, il-magna ma hadmitx u l-konvenut rega' ha l-magna lura fil-workshop tieghu, sabiex jirranga l-magna mill-gdid fejn talab l-hlas addizzjonali ta' seba' mitt euro (€700)Dok A u spiza ohra ta' €820 biex jsewwi l-*manifold risers* li garbu hsara konsegwenza tax-xoghol hazin tal-konvenut. Illi fis-27 ta' Settembru 2021 il-konvenut iddikjara illi x-xogholijiet tlestew b'success izda meta l-magna regghet giet ipprovata fil-bahar regghet ma hadmitx u feggew hsarat godda. Ghalhekk huwa evidenti li l-konvenut ma kellux il-hila mehtiega u ikkaguna hsara u danni lil-attur. Illi l-attur huwa gwida u operatur licenzjat turistiku u l-hsara ikkawza telf sinifikanti ta' qligh matul ix-xhur tas-sajf u sakemm tissewwa b'success. Illi ghalkemm is-somma miftehma kienet €3800, l-operatur garrab spejjez li jammontaw ghal €5320 izda ghal finijiet tal-kompetenza quddiem it-Tribunal kien qieghed jillimita t-talba ghal €5000.

Ra ir-risposta tal-konvenut li giet ipprezentatat fit-2 ta' Frar 2022, fejn it-talbiet tal-attur ghandhom jigi michud ghax dejjem esegwizza x-xogholijiet li gie inkarigat jaghmel b'diligenza u skont is-sengha u l-arti kif ser jigi pprovat ghax ghall-kuntrarju ta' dak allegat fit-talba tal-attur, huwa sewwa l-magna b'success. Dan anki kif irikonoxxa l-attur fl-ircevuta annessa KB1 u certament ma ikkawzax danni lill-attur. Illi jehtieg issir il-prova sal-grad rikjest mill-ligi tan-ness bejn l-agir tal-konvenut u d-danni soffetri mill-attur. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attur.

Fid-9 ta' Marzu 2022 gew ipprezentati l-affidavit ta' Statkus Mindaugas fejn spjega illi hu s-sid ta' dghajsa bin-numru ta' registrazzjoni M/VS21147 li ghandha magna Volvo Penta AQ4431B u fil-11 ta' Awwissu 2021, waqt illi kien fuq il-bahar inqalalu hsara fil-magna. Sar jaf bil-konvenut minn facebook u wara li speżżjona l-magna qal illi il *crankshaft* kien ikkawza l-hsara u kien hemm bzonn reparazzjoni fejn kienu ftehmu fl-ammont ta' €3800 li jinkludi *parts u labour* u li kien ser jlesti x-xoghol ghal bidu ta' Settembru 2021. F'Settembru 2021, il-konvenut infurmah illii kien lesta x-xoghol imma kellu bzonn jaghmel it-test fil-boat yard fl-Mgarr, fejn l-attur kien jpoggi d-dghajsa tieghu. Fit-3 ta' Settembru 2021il-konvenut cempillu biex jmur jaghmel it-test, izda peress illi ma ma setax jmur mieghu dakinhar, kien mar wahdu. Kien cempillu aktar tard u qallu li ma kienx irnexielu jaghmel *engine run* wahdu u marru flimkien dakinhar stess filghaxija u din id-darba il-magna regghet garbet hsara. Din id-darba il-konvenut qal illi kien fil-*pistons* ghalkemm kien bidilhom. Il-konvenut rega' ha l-magna il-workshop tieghu fejn sab li kellha l-ilma u ammetta li waqt l-*engine run* ma kienx ha hsieb li jkun hemm bizzejjed ilma biex il-magna ma tishonx (*cracked manifold risers*) u ghalhekk il-hsara saret tort tal-konvenut. Il-konvenut qallu li ma kienx ser jsewwilu l-magna jekk ma halsux €820 ohra u qallu li jekk ma jhalsux ma kienx ser jhallih jiehu l-magna u ghalhekk kellu jcedi biex jhallih jerga' jibni l-magna.Il-magna kienet tlestiet fis-27 ta' Settembru 2021 izda l-ewwel darba li tnizlet il-bahar rega' kien hemm il-hsara u hsarat godda. Hu kellu rcevuti minghand il-konvenut fejn fiha iddikjara li x-xoghol fuq il-magna kien lest u li kien ircieva €4500 u l-messaggi tieghu. Fid-19 ta' Ottubru 2021 ghamel survey tal-magna mill-Inginier Christopher Galea li kien awtorizzat fuq il-Volvo Penta u hu kien indika fejn kienu l-hsarat fuq rapport. Minhabba fil-hsarat fid-dghajsa hu tilef id-dhul tieghu ghax dan kien l-ghejxien tieghu. Meta talab lil konvenut biex jhalsu tad-danni kien akkuzah li kien mar ma shabu u heddu meta mhux minnu ghax hu kien mar ghandu biex jipprova jsib soluzzjoni u shabu stennew fil-karozza.Il-konvenut beda jinjorah sakemm kien cempillu u qallu li hu ma kienx risponsabbli. Ipprezenta kommunikazzjoni bejnu u l-konvenut, flimkien ma stima u rcevuta.

Giet ipprezentata l-affidavit ta' Christopher Galea fejn qal illi hu kien self employed marine technician u kellu certifikat mill-Mercury li approvawh. Mindaugas kien mar ghandu u talbu jiccekjalu hoss fil-magna li kien ghadu kemm ha l-magna ghand mekkanik biex jaghmel *full engine rebuild*. Fid-19 ta' Ottubru 2021 mar u spezzjona l-magna li kienet fuq il-puntun. Id-dghajsa kienet tal-ghamla Elan u kellha magna Volvo Penta u rrizultalu li l-hsejjes fil-magna kienu konsegwenza ta' xi hsara fil-magna li tista' tigi ikkonfermata meta tinfetah. Hu ipprezenta rapport foll 23 fejn jidher bic-car li x-xoghol ma sarx bis-sengha u l-arti.Gew ipprezentati l-affidavit ta' Vaidas Barsauskas u Viktor Lifarev li kienu hbieb tal-attur.Vaidas Barsauskas qal illi f'nofs Settembru kien ma' Mindaugas u Victor Lifarev sejrin lejn Smart City u fit-triq Mindaugas waqaf u dahal fil-hanut tal-mekanik il-Fgura. Huma baqghu jistennew barra fil-karozza u fl-ebda hi ma iltaqa' ma' Kim Briffa. Fil kontro ezami tas-27 ta' Frar 2023, jghid illi u qatt ma kien iltaqa' mal-konvenut u qatt ma ra l-problemi fid-dghajsa lanqas. Hu kien jaf illi kienet dghajsa sabiha u kienet tahdem tajjeb.

Lifarev qal illi kien gie Malta u kien qed joqghod ma' Mindaugas bejn is-7 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru u kien jaf li kellu problema ma Kim Briffa dwar ix-xoghol ta' reparazzjoni, u meta kien fil-karozza ma Mindaugas u Vaidas sejrin lejn smart city, Mindaugas waqaf ghand il-mechanic il-Fgura u huma stennewh fil-karozza. Huma ma kienux iltaqghu jew kelmu lil Kim Briffa. Hu kien prezenti ma' Mindaugas u Kim Briffa meta ipprovaw il-magna fil-bahar u kien jidher li l-magna ma bditx tahdem sew ghax

il-coolant u z-zejt hargu u kien hemm hafna hsejjes fil-magna. Kim Briffa hallihom il-bahar bil-magna ma tahdimx u weghdhom li kien gej lura aktar tard biex jirranga, izda ma giex lura. Mindaugas ipprova jcempillu hafna drabi u fl-ahhar Kim wiegbu u hu seta' jisma ghax kien fuq *speaker* fejn kien car illi Kim ma riedx jiehu r-risponsabilita ghal aktar tiswijiet u xtaq li l-magna taqalu u titkisser f'elf bicca.Fis-27 ta' Frar 2023 in kontro ezami ikkonferma illi ltaqa' mal-konvenut darbtejn, fil-25 ta' Settembru 2021 kien mar il-workshop ma' Mindaugas u kien sar test tal-magna li dam ghaddej xi siegha, bizzejjed biex ikkonfermaw li kien qieghed jahdem, izda dehrlu li Mindaugas xorta kien inkwetat fuq xi hoss, Ikkonferma li kien qieghed jiehu r-ritratti ukoll.Meta marru ghas-*sea trial* il-magna bdiet taghmel hoss u kien hemm xi *leakage*. Meta gie ssugerit li l-hoss kienet gejja mil-isteering hu qal illi kien aktar probabbli li kienet il-magna ghalkemm hu mhux inginier ghalkemm innota li f'certu pozzizjonijiet tal-isteering il-hoss kien aktar qawwi.Jiftakar illi wara s-*sea trial* kienu marru lura lejn l-art u kien hemm missier Kim u l-konverzazzjoni kienet tajba izda ma spiccawz tajjeb minhabba l-hsara. Fil-fatt huma hallew d-dghajsa fl-istess bajja u telqu bil-karozza. Ma kienx mieghu meta Mindaugas saq id-dghajsa lejn il-marina. Ms setax jikkonferma jekk l-argument bejn il-partijiet kien dwar il-hsara jew *pressure gauge*. Ma kienx vera li Mindaugas insulenta lil konvenut ghax hu kien sema' l-koversazzjoni huma jsuqu lura ghax kien fuq speaker.

Illi l-attur talab sabiex it-Tribunal jahtar l-espert u fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2022 il-partijiet qablu li jinhatar Elio Desira sabiex jezamina l-magna fil-prezenza tal-avukati tal-partijiet. Illi l-konvenut informa lit-Tribunal illi l-espert kien mar ghal-access izda kien naqas milli jinforma lil-avukat tieghu hekk kif kien gie ordnat jaghmel fil-verball. Fit-12 ta' Settembru 2021 l-espert informa lit-Tribunal illi l-attur kien ghamel kuntatt mieghu u kienu ftehmu illi jmur jaghmel l-ewwel spezzjoni fuq il-magna li kienet ghand EMM Workshop fejn sab il-magna kompletament zarmata u dan in vista tal-inkarigu moghti lilu mill-attur li ma kienx infurmah bin-nomina tat-Tribunal, li giet a konnisjoni tieghu fis-6 ta' Gunju 2021. Konsegwentement l-attur irtira t-talba sabiex jinhatar espert. Fit-18 ta' Mejju 2023, l-attur pprezenta ittra mill-Inginier Karl Briffa, u ittra mit-technician Christopher Galea, ircevuta, filwaqt illii l-konvenut ipprezenta l-affidavit ta' Kim Briffa D'Agostino, Pierre Caruana u Raymond Briffa.

Kim Briffa d'Agostino jghid illi kellu esperjenza ta' tnax-il sena jsewwi l-magni u kien ikkwalifikat bhala mechanical engineer. Fit-12 ta' Awwissu 2021, kien ghamel kuntatt mieghu Statkus Mindaugas biex jirrangalu l-magna tad-dghajsa. Kien bghatlu video u mill-hoss qallu li ssuspetta li kienet rod knock u biex jtellaghha l-art u ma jistartjahiex sakemm jmur hu, izda l-attur kien qallu biex jaqbad u jaqla' l-magna ghax kien mghagel. L-attur kien qallu li kellu problema mal-mekkanik ta' qabel ghax meta kienet qieghda tingarr kien laqatha u inqasam is-sump u li kieen hariglu z-zejt meta kien qed jsuqha. Meta zarma l-magna fil-workshop tieghu l-Fgura ikkonferma li kellha *severely worn rod bearing resulting in rod knock* kif kien haseb u kien qal lil klijent li kien hemm spiza ta' €3800 biex tissewwa. Mindaugas kien talbu ukoll jiccekja l-*manifolds* u *risers* meta jiftah il-magna. Dawn jservu minn 3 sa 5 snin u kien gja ilhom 3 snin u kien qallu li ma kienx hemm urgenza, izda fi ftit xhur kien ser jkollu bzonn jbidilhom. Hu hadimlu bl-ikbar efficenza u dan jidher ukoll fil-messaggi u fit-3 ta' Settembru 2021 kien ser jmur jwahhal il-magna izda l-attur ma setax jmur u qallu biex jmur wahdu. Wara li installa l-magna irrejalizza li ma kienx hemm sistema ta' ilma bil-pressa biex il-magna tkun tista' tithalla tahdem ghat-tul ta' hin u startjha bl-*ignition timing* ghal ftit minuti fejn kollox kien qed jahdem sew inkluz il-pressa taz-zejt. Kien bghat video lil attur li juri l-

magna tahdem minghajr probleml Dok A. Kien induna li kien hemm xi vibrazzjonijiet gejjn minn wara tad-dghajsa u kien cempel lil-attur u qallu li kellu bzonn ghal tul ta' hin biex jara minn fejn kienu gejjin dawn il-hsejjes u kien issugerilu bieX jiehu tank tal-fibre u jimliih bl-ilma biex titpogga taht id-dghajsa, biex il-magna tigbed l-ilma u iltaqghu dakinhar stess fit-8.00pm. Meta iltaqghu l-attur kien qal li ma kienx ha tank tal-fibre ghax ma kienx hemm bzonnha ghax hu kien juza' *makeshift pipe* u jixghel l-ilma. Hu kien qallu li importanti li l-magna jkollha bizzejjed dhul tal-ilma u b'hekk startjaw il-magna. Kien qallu ukoll li kien jaf bil-vibrazzjonijiet u kienu jizdiedu meta jdawwar l-isteering u ghalhekk il-hsara kienet gejja mill-*input shaft* taz-z drive u ghalhekk serrah mohhu li l-hoss kienet gejja minnhom u mhux mill-magna. Ma kienx hemm oil leaks jew water leaks jew hsejjes abnormali ohra. F'hin minnhom waqt it-test il-magna bdiet tistalja (stall) sakkemm waqfet habta u sabta u indunaw illi il-pipe tal-ilma kien waqa' mal-art.L-ghada regghu marru u ma riditx tistarjtja u rega' qalaghha u hadha l-workshop u meta zarmha sab illi kienet mimlija bl-ilma li kien dahal mill-manifolds u risers minhabba li sahnet il-magna. Fis-6 ta' Settembru 2021, l-attur mar il-workshop u kellu zewg persuni jistennewh fil-karozza kellu zewg persuni jistennewh fil-karozza.imbiddel l-attitudni tieghu u beda jintimidah quddiem missieru,. Sabiex jerga' jarmalu l-magna mill-gdid talbu €700 ghax kellu jixtri xi parts ohra u dak li kien gara ma kienx tort tieghu. Kien xtarha pistons godda li swewh €270 u kien ha l-magna zarmata ghand Joseph Tabone li kien Ingineer li kien gja ghamel xi xoghol fuq il-magna. Icccejka l-magna bicca bicca u sab li kien hemm piston li espanda. Hu kien rega' arma l-magna u nstalla l-manifolds li kien hadlu l-attur. Fil-25 ta' Settembru l-attur kien mar ma' Viktor Lifarev fil-workshop,li beda jiehu l-video u startjaw il-magna bil-pressurised water u hallewha tahdem ghal siegha u hadmet tajjeb, ma sahnitx u ma kienx hemm hsejjes u pressa ta' zejt tajba u l-attur kien kuntent. Kien hemm prezenti missieru u Pierre Caruana. Dak inhar ftehmu li kien ser jhalsu kif jehodlu l-magna qabel ma jwahhalha fuq id-dghajsa. Fis-27 ta' Settembru 2021, kien halsu u l-magna twahlet fuq i-dghajsa. Insista li kellu jigbidlu d-dghajsa mill-Mgarr sal Mellieha ghalkemm qatt ma kienu ftehmu fuq hekk u hu kien agevolah u kif nizluha startjawha. Il-pressure gauge taz-zejt rega' ma bediex jimmarka ghalkemm kien gdid u ivverifika manwalment li kien hemm pressa. Kien issugerixa li jsuquh fuq il-bahar u wara 20 minuti zvillupa leak tal-ilma fil-magna u qallu biex jmorru lura fuq il-moll ghall-ghodda, izda insista li jibqa' jsuq u lanqas hallieh jitlaq u hu kellu jirrangha bl-ghodda li sab u fil-fatt kienet haga minuri li meta issikah, il-leak waqaf mill-ewwel. Waqt is-sea trial Mindaugas kien gab karta mieghu li kienu iffirmawh t-tnejn illi kollox kien hadem sew u li hu kien thallas u wara waslu lura u kienu ghamlu xi kwarta jitkelmu ma' missieru u Viktor u fil-fatt hu kien ukoll mar wasalu l-karru l-Mgarr. Kien cempillu biex jaghmillu l-guage izda ippretenda li jsir b'xejn u hu ma riedx jaghmillulu .Fis-27 ta' Ottubru 2021 ircieva ittra minghand l-avukat tal-attur. Ipprezenta numru ta' ircevuti li kienu ghadhom ghandhom ghax hu kien nefaq €3600 fuq parts. Hu kien ghamel ix-xoghol b'diligenza u l-magna hadmet minghajr problemi. Wara is-27 ta' Ottubru 2021, hu kien jara d-dghajsa gewwa l-yacht marina u gieli kienet tkun fl-ewwel post u gieli fit-tieni post li turi li kienet qieghda tintuza'. Kieku l-hsara kienet waqt is-sea trial kieku zgur kien jikkuntatjah dakinhar.

Raymond Briffa, missier Kim xehed illi li ghamel sbatax-il sena jahdem bhala planning and production engineering mas-shipbuilding. L-ewwel darba li ra lil Nindaugas kien fis-6 ta' Settembru 2021 meta kien mar ma' zewg irgiel ohra li baqghu fil-karozza il-workshop il-Fgura u kellu attitudni ostili. Hu ikkonferma l-fatti ki kien hemm fl-affidavit ta' Pierre Caruana. Fil-25 ta' Settembru 2021, ma hax pjacir meta ra l-habib ta'

Mindaugas jifilmja u dakinhar kien telaq bis-supervja minhabba li ma ftehmux fuq il-hlas izda wara t-tifel qallu li ftehmu li kien ser jhalsu kif l-magna titpogga fuq id-dghajsa. Meta wahal il-magna ippretenda li Kim jigbidlu d-dghajsa mill-Mgarr sal-Mellieha u fil-fatt kien rabat id-dghajsa hu biex jkun sikur ghalkemm ma kienx komdu li t-tifel jirmunkalu d-dghajsa. Meta kienu ghadhom l-Mgarr Mindaugas kien hareg karta biex jiffirmah it-tifel. Kif waslu l-Mellieha Kim ,Mindaugas u l-habib tieghu marru jaghmlu sea trial u hu stenna fuq il-moll mal-karozza u l-karru u dam xi siegha u ghaxar minuti jistenna. X'hin gew lura Mindaugas kien jidher kuntent ghax kien qal *I believe we're ending this on a good note* u ghadu jitkelmu ftit.

Pierre Caruana xehed illi hu maintenance manager mal-Delta Malta Ltd fejn jahdem ukoll Kim u kien jhobb jinnavika fil-magni. Fil-25 ta' Settembru 2021 kien mar il-workshop ta' Kim u kien mar ukoll Mindaugas biex jipprovaw il-magna li damet xi siegha ghaddejja u Mindaugas deher kuntent. Siehbu kien beda jiffilmja kollox u kien hemm xi nuqqas ta' ftehiem bejniethom dwar hlas. Darba ohra kien ma' Kim u kienu raw id-dghajsa ta' Mindaugas marbut fix-xatt ta' ta' Xbiex.

Fit-23 ta' Novembru 2022 xehed Statkus Mindaugas illi d-dghajsa kien xtraha second hand mill-Olanda xi sitta jew seba' snin qabel u kienet harget fl-1993. Meta xtraha il-magna kienet kwazi gdida kellha 400 siegha. Hu ilu jzommha l-Mgarr go farm kemm ilha ghandu u qatt ma kellha bzonn reparazzjonijiet kbar hlief li biddel l-alternator, exhaust u generator, external parts biss. Cahad illi qatt sema' l-vibrazzjoni qabel ma marrru ghal prova fuq il-bahar u dakinhar deher car li l-hoss kienet gejja mill-magna. Ikkonferma li saqsa lil-konvenut biex jiccekjalu l-manifolds izda kienu ghahom jahdmu u jista' jkun li qallu li kellhom bzonn jinbidlu fi ftit xhur, fix-xitwa. Mistoqsi x'kien xogholu hu qal illi kien tour guide, izda ghalkemm qal illi gieli uza d-dghajsa ghal tour privat ma kinitx licenzjata. Ikkonferma illi meta kien mar ghand il-konvenut ried li t-tiswijiet jsiru malajr.Ma kienx prezenti meta Kim kien wahal id-magna fuq id-dghajsa l-ewwel darba ghax ma setghex jattendi izda kien qallu biex jwahhalha ghax kien jafdah.Ma jiftakarx illi Kim kien qallu li sema' xi vibrazzjoni u b'hekk ried jerga' jmur biex jhalli l-magna tahdem aktar fit-tul, izda jiftakar li ircieva video fejn tidher li l-magna qieghda tahdem. Ma jiftakarx illi l-konvenut kien qallu biex jiehu tank tal-fibre mimli bl-ilma. Mistoqsi kif jixghel il-magna meta tkun fil-boatyard hu wiegeb illi ghandu hose pipe fil feeding hose u jdahhalha fil-magna ghax ghalkemm hemm ilma fil-boatyard ma kienx hemm pressa u kien ilu jaghmel hekk ghal seba' snin u kienet prassi komuni. Ikkonferma li magna hadmet tajjeb ghal xi tlett minuti izda ma jiftakarx jekk kien hemm vibrazzjoni qabel ma waqfet il-magna.Hu kien qieghed jzomm id-dawl ghal Kim u f'hin minnhom il-pipe veru li hareg minn postu izda cahad illi Kim kien qallu biex joqghod attent ghal pajp. Ma indunax mill-ewwel li l-pajp kien hareg minn postu. Ikkonferma li wara din il-prova Kim rega' ha l-magna fil-workshop u sab li kien hemm ilma fil-magna u kienu tkissru l-manifolds u kellu jixtri xi parts. Ikkonferma li qabel il-prova fil-bahar wara t-tieni rebuilding tal-magna, kien mar ma' siehbu l-workshop tal-konvenut u hadmu il-magna ghal xi siegha u ma instemghux vibrazzjonijiet (dry test) izda l-vibrazzjonijiet instemghu fis-sea trial kif dahhal il-gear (wet test). Fil-workshop kollox kien jidher sew tant illi siehbu kien irrekordjha. Kien iffirma l-ftehiem fis-27 ta' Settembru 2021 izda meta marru ghal sea trial kien hemm hafna vibrazzjoni u hareg il-coolant leak u l-pressure gauge ma kienx qed jahdem. Kim irranga l-coolant leak. L-ghada kien hareg ukoll iz-zejt. Dakinhar stess kien cempel lil Kim xi hamsa u ghoxrin darba izda ma kienx wiegbu ghax kellu jerga jmur. Meta fl-ahhar wiegbu kellhom xi jghidu. Cahad li wara s-sea trial kien kuntent ghax ma setax jsuq id-dghajsa. Mistoqsi kif mar mill-Mellieha ghal Marina

hu wiegeb li saq bil-mod hafna u ma uzax id-dghajsa wara dakinhar. Hu qal illi ipprova jaghmel kuntatt mal-surveyor mill-ewwel izda dam xi tlett gimghat biex jmur. IIkkonferma illi wara s-sea trial il-konvenut kien hadlu l-karru mill-Mellieha ghal Mgarr. Ikkonferma illi wara s-sea trial ma bghatx messagg wiehed lill-konvenut lanqas biex jsewwilu.

Fil-25 ta' Jannar 2023 xehed Christopher Galea illi ma jiftakarx meta kien ghamel kuntatt mieghu l-ewwel darba Mindaugas. Hu kien kelmu wara li l-ewwel mekkanik kien qalghalu l-magna it-tieni darba u kien ghamel kuntatt mieghu xi xahar wara.Ma kienx jaf jekk l-attur kien saq id-dghajsa f'dak il-perjodu.Hu kien ghamel kuntatt mieghu minhabba fil-hsejjes u kien qallu biex jtellaha minn gol bahar u ma jsuqhiex. Hu ra li l-hoss kienet gejja minn cylinder no 1 ghax kif qalalha spark plug ta' dak ic-cilindru l-hoss naqas, imma m'ghamilx test manwali ghax ma kienx ghadu cert kif kien ser jibqa' mal-konvenut. Wara kien ghamel it-test.

Fit-2 ta' April 2023 xehed Kim Briffa D'Agostino qal illi hu ma giex mistoqsi jekk hux kompetenti fuq il-magna Volvo izda hu kien kompetenti fuq il-magni kollha ghax kollha fuq l-istess bazi jahdmu u kellu certifikat anke mill-Gappun u kellu tlettax-il sena esperjenza. Ikkonferma illi meta l-attur tah ix-xoghol biex jaghmillu overhaul tal-magna,ma tah ebda capping u kien ikkonkluda l-ewwel tiswija fit-3 ta' Settembru 2021 u kien informa lil-attur li seta' jiehu l-magna u ghalkemm l-attur ma setax jmur kien qallu biex jmur xorta.Hu kien ghamel testijiet fil-workshop imma ma kienx startjha. Meta mar wahdu startjha u ha video taghha u bghatha lil attur.Kien rega' mar filghaxija mal-attur ghax kellu bzonn jittestjha bil-pressa tal-ilma u ma kienx hemm. Kien issugerielu li jgib tank u jimluh bl-ilma biex il-magna tibbed minnu u minflokk kien gab pajp u wahlu bit-tape ma' pipe iehor mal-vit, kien qallu li kien ilu xnin jahdem hekk. L-attur qabbad il-pajp u startaw il-magna. Il-magna hadmet tajjeb ghal xi 20 minuta u l-pressa taz-zejt kienet tajba u vibrazzjoni li kienet gejja mil-isteering li l-attur kien jaf biha. Il-pajp inqala' u la hu ma indunax ghax kien qed jahdem fuq il-magna u lanqas l-attur u hemm saret il-hsara ghax il-magna sahnet. L-ghada kellu jerga' jiehu l-magna u kellu jerga' jzarma l-magna u peress illi kienet intliet bl-ilma u kellu jixtri xi parts ohra. Kien issugerixxa illi il-manifolds jinbidlu wara li jtella' d-dghajsa ghax xitwa ghax kull ma kien fadal kien ftit gimghat tal-istagun. Wara li kien installa il-magna ipprovawh fil-bahar u hass il-vibrazzjonjiet izda l-attur kien jaf bihom minn qabel u ma kienx talbu jsewihom ghax kienu relatati mal-isteering u mhux mal-magna.Hu qatt ma kellu probelma bil-parts li kien xtara izda wara li sahnet l-hsara marret fuq il-piston din minn cirku giet ovali ghax sahnet. Ikkonferma illi l-ircevuta a foll.7 tal process kienet saret dakinhar li nizlu d-dghajsa l-bahar u iggarantixxa li wettaq ix-xoghol kif suppost.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Din il-kawza hija dwar tiswijiet li saru mill-konvenut fil-magna tad-dghajsa tal-attur. Jirrizulta mhux ikkontestat illi il-konvenut kien zarma l-magna fil-workshop tieghu u rega' armah fuq id-dghajsa gewwa l-Mgarr fil-bidu ta' Settembru 2021. Biex jsir it-test kellu bzonn juza l-ilma izda fil-boatyard fejn kien jzomm d-dghajsa l-attur, ma kienx hemm pressa, b'hekk kien saqsa lil-attur biex jgib tank tal-fibre mimli bl-ilma biex jipprovaw il-magna ghal xi siegha. L-attur ma kienx ha t-tank tal-ilma izda kien qallu li

hu kien ilu jaghmel dan it-test ghal madwar seba’ snin u kien juza pajp. Fil-fatt hekk ghamel u ipprovaw il-magna li hadmet sew ghal xi minuti izda wara waqfet f’daqqa. Il-konvenut induna li l-pajp kien hareg minn postu u kien ghalhekk illi l-magna waqfet u garbet aktar hsara tant illi kellha terga’ tigi zzarmatha u jinbidlu xi parts.Ghal-ewwel l-attur ma riedx jhallas ghal-ispejjez addizzjonali tal-parts biex terga’ tigi armata mill-gdid izda wara accetta u l-konvenut rega’ irrangah ghat-tieni darba. Ghamlu t-test fl-ilma din id-darba fil-workshop tal-konvenut fejn mhux ikkontestat illi l-magna hadmet tajjeb ghal madwar xi siegha. Ftehmu li ha jnizluha fil-bahar u hargu  ghal *sea trial* fejn gie innutat li kien hemm vibrazzjoni mal-isteering, kiem hemm leak u l-pressure gauge ma kienx qed jahdem. Il-leak gie solvut mill-konvenut fuq il-bahar, izda filwaqt illi l-attur jghid li l-vibrazzjoni kienet gejja mil-magna, il-konvenut jghid illi il-hoss kienet gejja mill-isteering. L-attur wassal lil-konvenut lura fuq il-moll fejn kien qieghed jistennih missieru bil-karru tal-attur u telqu mill-post u hadulu l-karru lura l-Mgarr. Kemm missier il-konvenut kif ukoll sieheb l-attur qallu li meta Kim gie mwassal lura fuq il-moll ir-rapport ta’ bejniethom kienet tajba. L-attur jghid illi l-konvenut kellu jerga’ jmur aktar tard dakinhar biex jsewwi, filwaqt illi l-konvenut jghid illi l-attur kellu jcempillu l-ghada biex jbidillu l-pressure gauge, izda dan baqa’ m’ghamilulux ghax ippreteda li jaghmilulu bla hlas.  Jirizulta izda li l-konvenut sar jaf bl-ilment tal-attur wara li irceiva ittra bl-avukat fis-27 ta’ Ottubru 2021 fejn ilmenta li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti.

Matul-il-kawza l-attur kien ipprezenta rikors fit-8 ta’ Frar 2022 fejn talab il-hatra ta’ espert u fit-18 ta’ Mejju 2022, it-Tribunal laqa’ t-talba u innomina espert bil-qbiel taz-zewg nahhat. Izda minkejja li l-hatra kienet tispecifika illi z-zewg partijiet kellhom jkunu prezenti waqt l-ispezzjoni,dan ma sehhx. L-espert stess fil-fatt talab li l-inkarigu tieghu jigi tterminat sabiex ma jinholoq ebda pregudizzju stante illi l-attur kien fil-fatt ikkuntatjah hu stess u ghamillu appuntament biex jmur jispezzjona l-magna minghajr ma qallu bl-istruzzjonijiet tat-Tribunal li l-konvenut kellu jkun prezenti, fejn meta mar sab il-magna kompletament zarmata. Konsegwentament l-attur irtira t-talba ghal-hatra tal-espert. Mill-provi prodotti inkluz il-kommunikazzjoni ipprezentat mill-attur jidher li l-konvenut kien professjonali f’xogholu u ghalkemm graw cirkustanzi xejn felici l-magna hadmet sewwa fil-prova tal-25 ta’ Settembru 2021. It-Tribunal mhux konvint li d-dghajsa wetqet il-hsarat li l-attur qieghed jilmenta dwarhom fis-sea trial. L-attur zgur kien jilmenta dwar il-hsara fil-magna kif ghamel l-ewwel darba u ma kienx jwaslu lura fuq il-moll minghajr argumenti, kif xehdu kemm missier Kim kif ukoll il-habib tal-attur li kienu hallew lil xulxin fuq nota tajba u fil-fatt l-attur stess qal illi ha d-dghajsa lura lejn il-Marina tal-Msida.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi din l-azzjoni billi jichad it-talba tal-attur stante li ma gietx ipprovata.  L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri huma a spejjez tal-attur.

**Avukat, Leontine alleja LL.D.**

**GUDIKATUR**